# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ | ĠUNJU

**L-AKKADEMJA TAL-MALTI** | 1971


# IL-MALTI FIL-ĦAJJA TA' KULJUM

*Aktar minn ħamsin sena ilu, inħasset il-ħtieġa li xi ħadd jieħu ħsieb l-edukazzjoni u l-kultura tal-poplu tagħna b'mod aktar intensiv milli f'dak iż-żmien kienu joffru l-iskejjel tal-gvern ma' tul il-ftit snin li ma' tulhom it-tfal — min minnhom — kienu jmorru jitgħallmu hemmhekk. Nies ta' dehen, li kienu jaraw mill-bogħod, u ta' qalb ġeneruża, wieġbu għal din is-sejħa siekta, iżda qawwija. Huma dehrilhom, u ż-żmien tahom raġun, li dak il-għan seta' biss jintlaħaq permezz ta' tagħlim, qari, eċċ, bl-ilsien tal-poplu, jew l-Ilsien Malti. Ngħaġġlu nżidu li dawn in-nies kienu jħossu wkoll il-ġmiel tal-Malti u xtaqu jarawh ikkoltivat u studjat aktar u aħjar u mxerred u magħruf mill-kotra.*

*Għalhekk, fl-14 ta' Novembru, 1920, huma ngħaqdu flimkien, wara sejħa publika, u waqqfu dik li llum hi l-Akkademja tal-Malti, iżda li għadha wkoll magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kif kien l-ewwel isem li ħadet ix-xirka tagħhom.*

*Huma kienu jafu li qabel ma setgħu jimxu 'l quddiem riedu l-ewwelnett isibu tarf ta' tfixkil kbir li kien qed ixekkel ħafna l-iżvilupp ta' l-Ilsien Malti fil-qasam letterarju; din kienet il-kustjoni ta' ortografija fissa, u mill-ewwel indaħlu biex iħolluha. Fl-1924 l-Għaqda ħarġet, mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern, it-"Tagħrif fuq il-Kitba Maltija" u b'hekk bdiet it-triq li llum wasslet mhux biss għal ortografija fissa li biha jinqeda kulħadd, għal żvilupp l-aktar kbir fil-qasam lingwistiku u letterarju malti, u għalhekk aktar kultura fost il-poplu, imma l-Ilsien Malti, l-ilsien tal-poplu, wasal biex jieħu postu fil-ħajja maltija, billi sar magħruf bħala l-Ilsien Nazzjonali, wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-amministrazzjoni governativa u tal-Università Rjali, sar l-ilsien tal-Qrati, tal-Parlament, tal-Liturġija tal-Knisja Kattolika Maltija.*

*L-Akkademja tal-Malti ma tistax ma titkabbarx b'dak, li, bil-*

*għajnuna ta' oħrajn li ġibdu l-istess ħabel magħha, irnexxielha tikseb tul il-medda ta' ħamsin sena. Għalhekk iddeċidiet li tfakkar il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tagħha bi, fost ħwejjeġ oħra, serje ta' konferenzi.*

*L-ewwel waħda minn dawn saret fl-Istitut Kattoliku nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju, 1971, mill-Wisq Rev. Mons. Prof. Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D., dwar "Il-Malti fil-Ħajja ta' Kuljum".*

*Kif min mar għall-konferenza seta' mill-ewwel japprezza, l-Akkademja mhix sodisfatta għal kollox b'dak li sar s'issa, imma trid tfittex in-nuqqasijiet u tara x'jista' jsir biex il-qagħda tgħaddi għall-aħjar. Infatti l-għaref oratur, li tkellem minn fond ta' esperjenza u osservazzjoni, wera b'mod ċar l-għeltijiet li daħlu fl-ilsien mitkellem, b'self ta' kliem u frażijiet barranin li mhux biss mhumiex meħtieġa, imma li huma la ħaġa u lanqas oħra, li jagħmlu lingwaġġ bastard u li jkerrhu 'l ilsienna; hu fisser dan b'eżempji ħajja u ssokta juri kif fil-qasam soċjali l-Malti baqa' miżmum lura u għadu mwarrab saħansitra minn dawk li meta jinqdew b'lingwa barranija, la jafuha, la jifhmuha u lanqas jafu jużawha tajjeb — imma biss jagħmlu bħal ħaddieħor anki meta dawn jiżbaljaw, biex bħallikieku posthom fis-soċjetà mhux biss jibqa' bla mittiefes imma jogħla, u b'hekk, jaħsbu huma, ikunu aktar rispettati minn għajrhom.*

*Wara d-diskors infetħet diskussjoni li ħadu sehem fiha kważi l-preżenti kollha u tressqu suġġerimenti siewja — l-aktar importanti, forsi, li l-Għalliema tal-Malti, f'kull xorta ta' skola li għandna, iħeġġu aktar it-tagħlim tal-Malti u jagħmluh prattiku b'mod li jilħaq il-ħtiġijiet tal-ħajja tagħna ta' kuljum, u f'manjera xierqa.*

*Għalaq is-serata l-President tal-Akkademja, li mhux biss irringrazzja lill-oratur, imma b'erba' kelmiet magħżula bil-għaqal wera x'irbaħna u x'għad irridu nirbħu.*

*Nittamaw li jinkiseb frott minn din il-ħidma, kif ukoll mill-konferenzi l-oħra li għandhom isiru skond il-programm imħejji diġà — u dejjem bl-iskop li jintlaħaq l-iskop li għalih twaqqfet ħamsin sena ilu l-GĦAQDA tal-KITTIEBA tal-MALTI.*

# IL-BALLATA TAL-BELT

**Ta' J.P. VASSALLO**

**Andantino.**

Kemm hu sabiħ filgħodu
Noħroġ fit-triq mid-dar,
Il-fewġa friska fuq wiċċi
Nieżla mis-sema ċar.

Noħroġ, inħares ma' dwari
U nerġa' nilqa' l-jum,
U nħoss lil qalbi tħabbat,
Li kollox mhux mitmum.

Taħt l-għajn tas-sema ikħal
U l-bewsa sħuna tax-xemx
Inħoss qalbi titfarraġ
Għax hena akbar m'hemmx.

L-istess ħitan tat-toroq
Inħosshom iħaddnuni,
Donnhom jifirħu bija,
Donnhom qegħdin jagħfsuni.

Bikri jċapċap jgħaddi
Il-ġewnaħ tal-ħamiem
Ibewweġ lejn il-misraħ
Iħabbar risq u sliem.

Kultant jolqot il-widna
L-għana ta' xi għasfur
Imjassar ġewwa qafas
U nħoss lil qalbi tfur.

Niġru, nitħabtu, ntiru,
Ġo qafas aħna l-koll,
U ngħannu ġo l-eżilju...
Il-mewt ir-rabta tħoll.

Tibda tqum il-ħajja,
Tikber il-ġeġwiġija,
Il-baħħ tat-toroq jimla
U timla l-hena fija.

Kemm hi għażiża s-sura,
Sbejjaħ wiċċ il-bnedmin,
Isbaħ mill-oqsma u ġonna
Mill-ibħra mifruxin.

L-għajnejn li jsaħħru b'safa
Friski fuq ward l-uċuh
Ta' tfal indaf xummiema,
Bukkett dejjem ifuħ.

Kemm huma għeżież it-tfal
Jittajru qtajja' qtajja'
X'għandu isbaħ minnhom
Il-ħoġor mimli tal-ħajja?

Kemm hi ħaġa sabiħa
Titnissel ġo l-ulied;
Id-dawl dejjem jissokta
Meta jaqa' s-swied.

Sarbut ta' rġiel u nisa
Jobdi tad-dmir is-sejħa;
Fl-għemil ħerqana tagħha
Il-ħajja kemm hi sbejħa.

Il-ħwienet b'ġid imfawra...
Min jixtri u min ibigħ,
Min ħosbien kemm nefaq,
Min ferħan bil-qligħ.

Kemm hu sabiħ filgħodu
Tara kull bejjiegħ
Irodd il-ħajr lil Alla
Għax għamel l-ewwel qligħ.

Bil-flus magħfusa f'idu
Irodd l-ewwel salib
Jittama fil-ħniena t'Alla
Li dejjem barka ġġib.

L-għana frisk tal-baħar,
Tal-oqsma u l-art l-uċuh
Jistiednu l-għajn u r-rieda
Biex itaffu l-ġuħ.

U d-deheb-il-frott tal-ħidma
Tal-bniedem — jew ta' l-għelt
Bħad-demm fil-ġisem jiġri
Jiċċirkola mal-belt.

**Più Mosso.**

Il-qiegħa dejjem tisħon,
Joktor il-ħoss tal-kars;
Min igħajjat, min ipespes...
Tibdil u serq ta' ħars.

Min 'il quddiem iħares,
Min iħares lura,
Min jixxennaq libsa,
Min jitgħaxxaq b'sura.

Min ipaċpaċ, min jitmasħan,
Min igerger, min isellem,
Min jitbissem, min wiċċ Laskri,
Min jitkaża, min jitkellem.

Min jisserdaq bl-aħħar 'maxi'
Min imkittef b'nitfa 'mini',
Min jissielet mas-sensala
Min ibigħ xi roqgħa bini.

Min jikkaċċa xi Ministru,
Min jiffitta Deputat,
Min jinċensa Civil Servant,
Min jixxeblek m'Avukat.

Min bil-'delgry', min b'suttana,
U min igħożż l-antika ċoqqa,
Min iħawtel kollu ħerqa,
Min jitqandel donnu qroqqa.

Min bil-'jeans' u min bil-'hipsters',
Min bil-qalza għamla 'bell',
Min bix-xagħar jistrieħ fuq spalltu,
Kullimkien tara mudell.

Kemm niftakar fik Prudenzju
Meta nara din il-qagħda,
Għax tassew tassew jien ngħidlek
Li l-bieraħ hu bħal għada.

**Sereno**

Kultant leħen ta' qanpiena
Jidwi minn xi knisja qrib
U ifakkar lil kull wieħed
Fejn il-veru hena jsib.

Hieni l-bniedem, qal Orazju,
Ġewwa għalqa mal-gendus,
Hemm il-bogħod mill-ġenn tal-qrati
Mit-tqarriq, mill-għagħa tal-ġnus.

Iżda nħares kull fejn nista'
Ġo kull rokna tal-ħolqien
Jisboq dejjem nara l-bniedem
Bi sbuħitu kullimkien.

Il-kafé, il-każin, il-knisja,
Il-barakka, fuq is-swar,
Kull fejn nies ma' nies tiltaqa'
Lili Għajn ta' hena sar.

Sbieħ il-kwiekeb, sbieħ ix-xmajjar,
Sbieħ is-siġar, sbejħa x-xemx
Iżda min surit il-bniedem
Jiena, naħlef, isbaħ m'hemmx.

M'aħniex kollha forsi twajba,
Forsi ħafna imjassrin,
Iżda nħobbhom kollha kollha
Lil għeżież ħuti l-bnedmin.

Taħt id-deher ta' ħwejjeġ, iġsma,
Tgħidli sbieħ kemm huma sbieħ,
Jiena nara tixgħel dejjem
Fjamma sħiħa ta' erwieħ.

Hemm fin-nisġa lwien tal-ħajja,
Hemm ħajt iswed, hemm ħajt ċar,
Il-mekkuk ħabrieki jtektek
Bejn il-ħlewwa u bejn l-imrar.
Jiena naf kull wieħed minna
Taħt il-wiċċ magħruf tal-Jien
Jerfa' moħbi dejjem f'qalbu
Il-misteru tal-għejxien.

Kif ix-xemx il-kwiekeb tgħammad
Meta tisreġ fis-smewwiet,
Hekk il-ħajja tgħammad qlubna
Bis-sbuħija tal-ġibdiet.

Għalhekk ngħanni din il-għanja
Lilek, Belt, u nħoll il-lsien,
Ħuti, ħuti lkoll ma' dwari
U l-kbir Alla kullimkien.

Għalhekk jien insib il-għaxqa
Fis-sbħuija tal-bnedmin
U fil-Belt dejjem nitwennes
Qalb il-ħerqa tal-ħajjin.

**Morendo**

Kemm hu sabiħ filgħodu
Noħroġ fit-triq mid-dar,
Iż-żiffa tfewweġ fuq wiċċi,
Nieżla mis-sema ċar.

Għad darba ddoqq qanpiena
Tħabbar li ħini sar;
Inħalli l-Belt ta' qalbi
U nerġa' ndur id-dar.

Inħalli d-dinja tas-sensi
U l-għaxqa tal-bnedmin;
Nirtogħod bit-tama naqbad
It-trejqa tat-Twemmin.

Għall-aħħar darba nselli
Lil ħuti l-bnedmin;
U nsib il-maħfra u l-hena
Għand Missier ħanin.

# GRADI TA' VERITA'

**Ta' Patri Dwardu Fenech**

Meta aħna nkunu rridu nuru b'xi mod is-sensiela ta' ħsibijiet li jkunu għaddejjin minn moħħna, aħna ninqdew bil-kelma.

Imma x'inhi l-kelma? Santu Wistin igħidilna li hi sinjal li fih tifsira (1). U kull sinjal ifisser xi ħaġa. Għalhekk fil-bidu tal-Kap 4 ta' **De Magistro** igħidilna hekk: "Fil-fatt meta nitkellmu nagħmlu s-sinjali, sewwa sew bħal ma ngħidu meta ninqdew bil-kelma "jissinifika". L-etimoloġija tidher aħjar bil-Latin: 'signum facere' — significare.

Jekk jien nilmaħ lil xi ħadd u rridu jiġi ma' ġenbi nista' ngħidlu 'Ejja', u nista' nagħmillu sinjal b'idi biex jiġi. Mela, il-kelma 'ejja' u s-sinjal b'idi jwasslu l-istess messaġġ fl-individwu. Id-differenza qiegħda li fil-kelma 'ejja' is-sinjal hu magħmul bil-ħsejjes tal-organi tat-tlissin, u fil-każ l-ieħor is-sinjal hu magħmul bl-id, jiġifieri għandna kelma ġestikulata.

Santu Wistin jitkellem dwar erba' għamliet ta' kliem: il-kelma maħsuba, il-kelma mitkellma, il-kelma ġestikulata u l-kelma miktuba. Il-kelma maħsuba hi dik li naħsbu f'moħħna jew qabel ma nitkellmu b'fommna, jew meta nkunu nitkellmu weħidna mentalment biss. Il-kelma mitkellma hi dik li nlsissru wara li nkunu ħsibnieha f'moħħna, titleħħen bis-saħħa ta' l-organi tat-tlissin, li l-kelma ġestikulata hi dik li nfissru bis-saħħa ta' ġesti b'idejna, b'rasna jew b'ishma oħra tal-ġisem. Il-kelma miktuba hi dik li nuru bil-kitba. Minn dawn l-erba' għamliet tal-kelma, l-ewwel waħda biss hi interna. It-tlieta l-oħra huma esterni u jitolbu għamil fiżiku.

Fit-tagħlim ta' Santu Wistin, il-kelma mitkellma, il-kelma ġestikulata u l-kelma miktuba m'humiex ħaġa oħra jekk mhux il-kelma maħsuba mlibbsa b'sinjal estern u fiżiku. Il-kelma mitkellma għandha espressjoni fonika, il-kelma ġestikulata għandha espressjoni mimika u l-kelma miktuba għandha espressjoni grafika.

Sa ma l-kelma tkun ħadet l-espressjoni esterna tagħha, ikunu ġraw tliet għemejjel fil-moħħ. Il-moħħ ikun ħaseb, il-moħħ ikun fittex fil-memorja l-espressjoni xierqa, il-moħħ ikun għażel il-kelma maħsuba.

Mela, l-ewwel xogħol tal-moħħ hu l-ħsieb. Għalhekk il-grad ta' verità jew ta' qerq li jkollha l-kelma espressa minn barra jiddependi fl-ewwel post mill-ħsieb.

Il-ħsieb jista' jkun jew ewlieni, jew sussidjarju. Il-ħsieb ikun ewlieni meta bir-rieda tagħna nibnuh u nsawruh fuq il-verità oġġettiva. Imma billi l-moħħ hu limitat u l-ebda bniedem ma jista' jagħraf il-veritajiet kollha li jkun meħtieġ meta jkun qed jaħseb, il-grad tal-verità

li jista' jkollu l-ħsieb mhux dejjem ikun l-istess.

Il-ħsieb ewlieni hu dejjem ġenwin. U fil-fatt aħna minn għalina li hu tajjeb sakemm ma ndaħħlux l-idea tad-dubju fih. F'dan il-każ aħna neħduh bħala probabli, u nkunu lesti li nammettu l-kuntrarju jekk dan ikun ippruvat 'il quddiem.

Il-gradi ta' verità fil-ħsieb ewlieni u ġenwin huma erbgħa. Mela, nistgħu ngħidu li hemm ħsieb perfett, ħsieb imperfett, ħsieb dubjuż, u ħsieb żbaljat. Il-ħsieb ikun perfett meta jkun jaqbel għal kollox mal-verità oġġettiva. Għalhekk ma jkun jonqsu xejn u jkun sħiħ fih innifsu. Il-ħsieb ikun imperfett meta fil-qofol tiegħu jkun tajjeb, imma fi ħwejjeġ żgħar ikollu xi nuqqas. Il-ħsieb ikun dubjuż meta jkun mibni fuq ipotesi u mhux fuq il-fatti ippruvati. Il-ħsieb ikun żbaljat meta, għalkemm inkunu għamilna ħilitna biex ngħidu s-sewwa, niġbdu konklużjoni ħażina. Hekk ġara, per eżempju, meta kienu jaħsbu li x-xemx iddur mad-dinja.

Minn dawn l-erba' gradi ta' verità li semmejna, l-ewwel wieħed biss jagħti l-probabilità li l-kelma tkun taqbel għal kollox mal-verità oġġettiva.

Wara li nkunu rajna kemm hemm verità fil-ħsieb, irridu naraw kemm se taqdina sewwa l-memorja. Għalhekk, fil-każ li kellna ħsieb perfett, il-grad ta' verità issa jiġi jiddependi mill-fatt jekk hix perfetta, jew imperfetta, jew dubjuża, jew żbaljata l-memorja. Jekk fiha m'għandniex elementi biżżejjed biex jaqdu sewwa l-ħsieb, il-grad tal-verità ma jkunx l-ogħla wieħed possibli. Għalhekk anqas il-kelma espressa minn barra ma jista' jkollha l-ogħla grad.

Jekk il-memorja tkun perfetta u tagħtina diversi possibilitajiet kif nistgħu nuru l-ħsieb, il-grad ta' verità jkun jiddependi mill-għażla tal-kelma maħsuba. Jekk il-moħħ jagħżel il-kelma xierqa, din tkun perfetta, u jkollna verità sħiħa. Imma jekk il-moħħ jagħżel kelma maħsuba inqas xierqa jew mhix xierqa, il-grad ta' verità jaqa' u jkollna kelma maħsuba imperfetta, jew dubjuża, jew żbaljata.

Fil-każ li l-kelma maħsuba tkun perfetta, il-grad ta' verità jkun jiddependi biss mill-kelma espressa minn barra. Jekk il-kelma maħsuba tkun espressa kif jixraq minn barra, bil-fomm, jew bil-ġesti jew bil-kitba, il-kelma espressa tkun laħqet l-ogħla grad ta' verità. Imma jekk, minħabba xi nuqqas, ma tintweriex minn barra b'mod xieraq, il-kelma espressa tista' tkun jew imperfetta, jew dubjuża jew żbaljata.

Mela biex nuru minn barra kelma li tkun taqbel perfettament mal-verità, irid ikollna ħsieb perfett, memorja perfetta biex turi l-ħsieb, ġudizzju perfett fl-għażla tal-kelma maħsuba, u espressjoni perfetta

tal-kelma espressa minn barra.

S'issa tkellimna biss fuq il-ħsieb ewlieni u rajna li bih dejjem im-mirajna għall-verità. U fil-fatt ġie li lħaqna l-verità oġġettiva, u ġie li lħaqna biss il-verità suġġettiva u relattiva. Imma jonqos naraw fuq għamla oħra tal-ħsieb. Kultant il-bnedmin jaħsbu ħaġa mibnija fuq il-verità; imma ma jkunux iridu juruha minħabba l-ħażen tagħhom. Għalhekk, igħaddu mill-ħsieb ewlieni tagħhom għal ħsieb sussidjarju. Jiġifieri, jiffalsifikaw għax riedu l-ħsieb ġenwin, u hekk inisslu ħsieb de-ġenerat.

Il-ħsieb sussidjarju jista' jkun ta' żewġ għamliet: jew qarrieqi, jew giddiebi. Għalhekk sa min-nisel tiegħu hu mibni fuq il-falzità. Il-ħsieb qarrieqi jfittex li juri ħaġa b'oħra biex hekk dak li jkun iqarraq b'għajru. U l-ħsieb giddiebi jżid jitbiegħed mill-verità billi jsawwar fih ħwejjeġ li m'humiex minnhom. Għalhekk il-ħsieb giddiebi hu grad 'l isfel mill-ħsieb qarrieqi.

Il-ħsieb sussidjarju jeħtieġ ukoll il-memorja, il-ġudizzju fl-għażla tal-kelma maħsuba u, jekk ikun se jintwera minn barra, l-espressjoni (ħsejjes tal-leħen, ġesti jew kitba).

Mill-perfezzjoni jew imperfezzjoni ta' kull waħda minn dawn is-setgħat, jiddependi wkoll il-grad ta' qerq fil-kelma espressa minn barra.

Għalkemm il-ħsieb sussidjarju hu mibni sa mill-bidu fuq il-qerq, it-tliet setgħat l-oħra jtemmu dmirhom bħallikieku qed jaħdmu għall-ħsieb ewlieni. U għalhekk jistgħu jkunu bħas-soltu, perfetti, imperfetti. dubjużi jew żbaljati.

It-tbegħid mill-verità li jkun f'kelma espressa minn barra bħala espressjoni ta' ħsieb sussidjarju ġej l-ewwelnett mill-qerq tal-ħsieb, imma jista' jiġi wkoll mis-setgħat l-oħra.

1. Ara: De Magistro, Cap. 2, fil-bidu.

# LIL P. DWARDU FENECH

**Ta' Spiro Buhagiar**

Tassew ma nafx kif għad irrid inħallsek
Ta' kemm miegħi għamilt, għażiż ħabib,
Minn mindu mqareb fuq il-bank fl-iskola
Ta' ħsiebi kont b'raġun miżmum b'tabib.
Ara daqsxejn, illum bl-għodod 'l għamartni
Ħatritni l-Muża minn tal-ħsieb sultan.
Alla ieħor fuq l-allat tat-tajn ħassejtni
Għalkemm maż-żmien li ħlomt sfali duħħan.

ROYAL UNIVERSITY

Int bħali tħoss, ħabib, demmek u demmi
Għandu mid-demm ta' dawk il-qalbenin.
Li qatt ma ħamlu lil gżiritna mkasbra
Minn gods ċakkar, bla ħila, l-barranin.

Wasal jum il-Ħelsien! Il-Fidwa magħna!
Fuq xtutna fl-aħħar bexbex iż-żerniq;
Ħadmu bla heda ta' qabilna ...... tqatlu
Ma qatgħu qalbhom qatt li jterrqu t-triq.

Immiddu għonqna għax-xogħol, insinnu idejna,
Fuq l-inkwina tal-ħsieb inħaddmu l-kliem;
Nuru lill-barranin ħlewwiet ilsienna
Lill-ħeġġa ma tonqosx, ma tafx bi tmiem,

L'għalkemm il-qiegħa ma naqsitx titnaqqa
Ħbieb ġodda ma naqsux li jkomplu t-triq,
L-għedewwa saru ħbieb, il-fart irdoppja,
Sirna kotrana kif tant kien mixtieq.

# GĦANJA LILL-ĦEMDA

**Ta' Alexander Pope**

(miġjuba fil-Malti minn Dwardu Zarb)

Ferħan il-bniedem, dak li b'għaqlu jaħdem
Ir-roqgħa t'art li wiret minn missieru,
U hawn fis-safa t'arja jimla sidru
Fuq art bla mqabbla.

Il-merħla ttih iż-żibda, l-għalqa l-ħobża,
In-nagħġa s-suf li jinseġ f'għata ratba,
Is-siġra d-dell li jaħji fis-sajf mixwi,
Fix-xitwa l-ħatab.

Imbierek tassew dak li jgħix f'din l-għamla
Fil-waqt li sigħat, jiem u snin jitgerbu
Fis-serħ tal-moħħ, tal-ġisem l-akbar saħħa,
Tal-jum fil-ħemda.

Fil-fond jorqod bil-lejl, jistudja w jedha;
Għalih bħal balzmu l-ħin li fih jixxiegħel;
Jaħseb bla ħajna w qerq li jġibu t-toqol;
'Ma biss fil-għoġba.

Hekk irrid ngħix 'il bogħod mill-għajn, bla msemmi;
U hekk immut bla wara ma jibkuni;
Lanqas irrid li ġebla fqira turi
Fejn qiegħed qabri.

# NON OMNIS MORIAR

**Ta' Dwardu Zarb**

F'dawn it-toroq bogħod minn Malta
Kont għaddej f'aljenazzjoni;
Meta dort mal-kantuniera
Ilmaħt ġejja purċissjoni.

Dik il-ġemgħa nisranija
Kienet tkanta wisq sabiħ:
Ħassejt qalbi bħal tintefaħ
Meta smajt il-kant ferrieħ.

"T'adoriam Ostia divina ......"
Dik il-ġemgħa b'ħerqa għanniet;
Jien waqaft naħseb imsaħħar
Fuq dal-kant, fuq dal-kelmiet.

* * *

Minn fuq fommok ħarġet l-għanja,
Ja poeta tal-Maltin;
Bħala seħer ġriet mad-dinja,
Għamlet bosta qlub henjin.

Il-lum f'qabrek ġismek therra,
'Ma dik l-għanja qatt tintemm;
Tibqa' magħna biex tqawwina
F'jiem ir-risq jew f'jiem il-hemm.

# LIL JOHN F. KENNEDY

**Ta' Alfred Massa**

Għalkemm neħħiek minn fostna l-għadu tiegħek
Iżd'ismek dejjem jibqa' jidwi magħna.
Minn fuq fejn inti qiegħed m'Alla tagħna
Agħmel li nibqgħu nħossu r-riħ ta' drieghek.

Ilna sentejn mifrudin minn miegħek
Imċaħħda lkoll minn fhemtek tant setgħana
Dmirek sew moqdi, paċi bnina tana
Fi żmien li l-bniedem fi trab l-art mar tmiegħek.

Tal-paċi xempju, mera tal-imħabba
Ġellied qalbieni kont għall-ħaqq u s-sewwa.
Ġiehek għożżejna, żammejnieh bla mtabba'.

Għalkemm għal ftit snin biss int ħdimt għalina
'Mma bħal Missierek stagħġbu bik l-għedewwa.
Il-lum dejn kbir inħossu jkebbes fina.

# IL-LEJLA T-TOROQ

**Ta' OLIVER FRIGGIERI**

Il-lejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Qiegħed ngħid li jridu
jagħtuna l-impressjoni li ħajjithom
qasira wisq biex tiġbor l-ideali
li għadhom kemm bdew jibnu.
Naf x'qed taħseb:
Il-ħajja tagħna t-tnejn hi twila żżejjed.

Jien nemmen bħalek għaliex ma' kull għodwa
insibni, bla ma rrid, quddiem ktieb oħxon
bil-folji vojta biex jimtlew. Fl-għaxija
ikolli nerġa' nisma' l-passi tiegħi
b'ritmu perfett u tqil qegħdin jiżdiedu
mexjin fil-kuritur ta' l-eżistenza.
Għajnejja dejjem jiġbdu biex insibu
il-kantuniera li tħallini nara
xi differenza.

Il-lejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Jiena biss nistenna
iż-żmien, b'sabagħi jiċċaqlaq bejn xuftejja,
għaddej nervuż bil-mod il-mod minn ħdejja.

# ITTRA LIS-SEGRETARJU

"England" House,
Triq Lord Lloyd,
Ħamrun.
29 ta' Ġunju 1971,

Is-Sur Godfrey Zarb Adami,
Segretarju Onorarju,
Akkademja tal-Malti.

Sinjur,

Nitolbok tippublikali din l-ittra f'"Il-Malti" forsi xi ħadd li jaqraha jkun jista' jsolvili żewġ diffikultajiet li għandi dwar kliem Malti.

Liema hija t-tajba **"merħba"** jew "merbħa"? Ġie li smajt min igħid li "merħba" ġejja minn "raħeb" u fiż-żmien u l-għajnuna antik l-irħieb kienu magħrufin għal-laqgħa kbira u l-għajnuna li kienu jagħtu lill-vjaġġaturi li fi triqithom ikunu jinħtieġu l-ikel u l-mistrieħ. Hawn ukoll min igħid li ġejja minn "rebħa" billi fiż-żmien antik meta ġeneral jerġa' lura f'pajjiżu rebbieħ, l-aktar fost ir-Rumani, kien jingħata laqgħa trijunfali.

It-tieni diffikultà hi: liema hija t-tajba "maktur" jew "maqtur"? Hawn min hu tal-fehma li l-kelma ġejja minn "kotor" għax il-maktur nużawh meta l-muku ta' l-imnieħer joktor. Min-naħa l-oħra hawn min isostni li ġejja minn "qatar" għax nużaw il-maktur meta mniħirna jkun se joqtor.

Niżżiħajr bil-quddiem lilek għall-pubblikazzjoni ta' din l-ittra u lil min jista' jixħetli dawl fuq dak li staqsejt hawn fuq.

Dejjem tiegħek,

Vincent Caruana

# JUM TA' ROŻI

**Ta' Stanley Mangion**

Ix-xemx kienet qiegħda tiżreġ. Kien il-ħin ta' l-għaxra, u għalhekk tistgħu taħsbu xi sħana kienet nieżla. Minn taħt siġra tal-palm kien jinstema' leħen ta' mara tgħanni. L-għanja li kienet qiegħda ttenni kienet ta' "L-Għarusa tal-Mosta". Kienet għoddha waslet fl-aħħar. Infatti kienet tgħanni l-mewt ta' din it-tfajla Mostija misruqa mill-Għarab.

Wara li spiċċat, ħadet nifs qawwi, messet idha ma' moħħha, ħarset 'il fuq u reġgħet bdiet tgħanni għanja ħafifa.

Din il-mara, jew aħjar din ix-xebba kienet Rożi, bint Karmnu. Kienet xebba twila u sabiħa. Kienet xebba twajba u mfaħħra minn nies tal-post fejn tgħammar. Illum messha tgħin lil Marija timla l-qolol ta' l-ilma. Xogħolha kien li tmexxi l-qolol tan-nies 'il quddiem. Sikwit jidhru ġejjin in-nisa, tnejn tnejn jitkellmu. Wara li jaqbdu l-qolol tagħhom mimlija jerġgħu lura lejn darhom.

Iż-żmien li qiegħed insemmi, kien żmien nieqes minn ħafna kumditaijet. Il-vitiijet kienu l-anqas għadhom ħolmu bihom. Fid-djar kont issib il-bir ta' l-ilma. Issa li s-sajf kien daħal ġmielu, l-ilma tal-bjar kien nixef u għalhekk kulħadd kellu jmur jimla l-ilma mill-bir tal-komun li kien hemm fil-pjazza. Billi kien ikun hemm ħafna nies, kienu jħallu l-qolol f'ringiela wara xulxin, u kienu jħallu waħda biex tmexxihom u xi tnejn oħra biex jimlew. Wara imbagħad kienu jiġu għalihom.

Dan kien ix-xogħol li kienet qiegħda tagħmel Rożi. Forsi hu ftit antipatiku, iżda mid-dehra ma tantx iddejqet. Xorta waħda baqgħet tgħanni biex hekk iż-żmien igħaddi malajr.

Dan it-taqsim tax-xogħol kien isir hekk biex jiffrankaw ħafna żmien. Jekk wieħed imur dawra mar-raħal jara li f'dak il-ħin, in-nisa minflok qagħdu jaħlu żmienhom laħqu għamlu x-xogħol tad-dar jew xi xogħol ieħor. Franġiska lestiet il-ħasla. Paċika marret ġabret ftit għeruq tas-silla għall-fniek waqt li Marija qalgħet xi sold għax marret tgħin lil Ninu fir-raba'.

Il-ħin igħaddi. Jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn l-arloġġ tax-xemx li kien jinsab faċċata, jara li qed jimmarka nofs in-nhar. Il-qolol waslu biex jispiċċaw ukoll. Bħal issa qed joqorbu żewġ nisa li middehra se jġorru l-aħħar żewġ qolol.

Rożi tmattret waħda kbira waqt li tenniet il-kelmiet "Għall-Erwieħ", tbissmet, sellmet lil ta' ħdejha li spiċċat timla u marret qajl qajl lejn darha.

Hekk għaddiet dan in-nofs ta' nhar sajfi. Wara li kielet, telgħet fuq, inxteħtet fuq is-sodda u wara ftit sekondi ntilfet f'nagħsa ħelwa. Tistgħu taħsbu kif ħadet ir-ruħ din l-imsejkna xebba wara dan ix-xogħol

kollu ta' filgħodu. Il-ħin malajr wasal biex Rożi terġa' tqum u tkompli n-nofs ta' nhar l-ieħor tal-jum. Hadet belgħa kafe' u telqet tiġri b'dak il-pass ħafif ta' xebba żagħżugħa lejn ir-razzett li kien il-Biżbiżji. Hemm sqat il-bhejjem għatxana u imbagħad bdiet tħejji l-għalf ta' filgħaxija.

Waqt li bdiet tqatta' s-silla fuq ir-ronka ,din ix-xbejba raħlija bdiet tgħanni. Dan l-għana sabiħ u ħelu li wirtet mingħand ommha u missierha kien il-mezz waħdieni biex iż-żmien tarah qasir u ttaffi l-għejja li jġib miegħu x-xogħol tar-raba'.

Damet tqatta' ħafna għalf għax kellhom ħafna bhejjem. Sadattant ix-xemx bdiet nieżla. Il-kulur tbiddel f'aħmar u x-xemx saret qisha ballun tan-nar. Il ħmura bdiet tinfirex fuq l-għoljiet ta' madwar ir-razzett u f'dik il-ħemda kbira kont tistħajlek qiegħed fil-ġenna ta 'l-art. Xena li tnissel għaxqa, hena u paċi. Rożi fl-aħħar spiċċat ukoll mix-xogħol ta' l-għalf. Missierha kien reġa' lura mill-għalqa. Sadattant missierha kien qiegħed jirranġa il-biegħa, Rożi għaddet il bajd u qegħditu fil-bixkilla. Mill-bogħod kien jinstema' leħen ta' qanpiena. Kienet qiegħda ddoqq l-Ave Marija. Missier Rożi neħħa l-beritta u beda jtenni bil-qalb is-Sliema għal tliet darbiet. Id-daqq ta' l'Ave Marija kien ifisser li l-ħin kien sar biex joqorbu lejn id-dar. Rożi rikbet fuq il-karettun. Missierha niggeż l-bagħal u dan beda miexi bit-tlikki t-tlikki lejn id-dar. Kultant missierha kien igħanni xi għanja ċajtiera biex it-triq tiqsar.

Din kienet l-storja ta' waħda mill-jiem ta' Rożi. Għalina din tidher stramba u forsi xi ftit kbira. Iżda din kienet il-ħajja sempliċi u għalenija li minnha għaddiet.

## NIFIRHU

*L-Akkademja tal-Malti tifraħ — u ma tistax ma tifraħx — bil-ħatra ta' l-Onor. Dr. Anton Buttigieg, B.A., LL.D., bħala Ministru tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Parlamentari. L-Onor. Avukat Buttigieg hu Membru Akkademiku tagħna u huwa wieħed mill-poeti ewlenin tal-Letteratura Maltija u huwa xhieda oħra bil-karriera tiegħu ta' kif il-Malti u l-istudju tiegħu ma jtellifx kultura wiesgħa u ħidma nazzjonali siewja; li biex timxi 'l quddiem fil-ħajja mhux veru li trid iġġenneb lill-Malti u tintelaq fi ħdan kulturi barranija. Terġa' l-Avukat Buttigieg fissrilna kemm-il darba kif huwa jtittex il-poeżija mhux darba fil, imma kulljum "kif kulljum jiġi Majsi bis-sellum". Bniedem ta' l-aqwa sensibilità, aħna nittamaw l-isbaħ ħwejjeġ għal Malta mill-ministeru tiegħu u nawguraw lil Dr. Buttigieg minn dawn il-paġni li jwettaq l-aktar ħwejjeġ sbieħ li tixtieq qalbu.*

# IT-TOQOL TA' DELLI

**Ta' Karmenu Ellul Galea**

Niftakarni minn tfuliti
bid-dell jimxi ma' saqajja,
l-ewwel fraħt għoddejtu b'logħba
mbagħad baqa' jsus warajja.

Sa ma kiber ma' xjuħiti
ġiebni kollni taħt idejh
herra 'l ħsiebi, sewwes ġismi
bħall-irsir mitluq għal bejgħ.

Mhux biss barra 'mma wkoll ġewwa
jew mal-ħbieb sa ġol-każin,
sew ġol-knisja kemm f'tijatru,
fuq ix-xogħol jew f'terrazzin.

Kullimkien insibu wrajja
ukoll meta nkun magħluq
fid-dlam iebes ta' kamarti
jew minn isfel nitla' fuq.

U niftakar qisu l-bieraħ
fil-pulitka kemm fl-għaqdiet
bla nkun naf jaqbeż ma' ġenbi,
ma jħallini qatt fil-kwiet.

Dana delli s-salib tiegħi
għaliex bħalu nħossu tqil
ukoll jekk ninżel ġol-qabar
xorta jibqa' mqit, qalil.

L-anqas kelma, l-anqas ċajta
bih ma nista' ngħid mal-ħbieb,
jindaħalli wkoll f'xi daħqa
jew f'xi ħarsa ta' bla ħsieb.

Hu x'inhu, inħossni mjassar
sew fil-fehma kemm fl-ilsien
ukoll jekk ilsieni nrabbat
jew ninqata' ftit ħosbien.

Nagħmel x'nagħmel, jiena l-ħati
ukoll f'għelt li ma nkunx fih,
kollox jidwi kbir u ikreh,
qatt qatt qatt xi ftit sabiħ.

U nitkellem bejni w ruħi:
għax inħossni fgat u ltim?
Jien inżomm li l-ħaqq hu wieħed
w ebd'allat oħrajn ma nqim!

X'naħti jiena jekk twemmini
ma jaħmilx il-logħob tal-kliem!
X'hemm ħażin li nqis u nwieżen
kif mal-ġar ngħix kwiet fis-sliem!

Imm'għaliex o Alla tiegħi,
jien mhux bniedem bħall-oħrajn?
Tajtni sura, ruħ u ħajja
u sawwartni bl-istess tajn?

Jiena nemmen, naf u nara
li quddiemek mhemmx qisien;
Inti ħlaqtna u dawwaltna
bl-istess jedd fuq l-art, fl-għajxien.

Iva ntbaħt . . . . din hija ħajti
b'dellijiet koroh u sbieħ!
Ħdejn il-qerq ta' qalb il-bniedem
x'mindaqqiet ħajrek ninsih! . . . .

* * *

Ma nistmerx is-swied ta' delli
imma nħobbu ma nafx kemm,
nistmerr biss il-bjuda ddellel
f'qalb għajjura tgħix fis-semm.

# SQALLI, TALJAN ... JEW SEMIN

Ta' MICHAEL AGIUS

Jorbot mal-għadd ta' Settembru/Diċembru 1970, p. 108

KATUSA — Sq. catusa Sp. alcadus m-Għ, qadus
KECICU — Sq. ciucciu m-Għ ka-ciucciu (ka-ċuċċu)
KEMMUN — T. q. Comino m-Gr kuminon m-Għ kammun Lh kammon
KERUBIN — T. cherubino m. Lh k' rub/k' ruv. Għ karubin
KIMIKA — T. chimica m-L m-Gr Chymia-chymos-sugu) M. Għ al-kimja
KISSER — (m. Kiser) Sq. cassari m. Għ kassara
KOĊĊLA — Sq. cuccillatu m-Għ m Lh kaxol (tagħtu għaxwa, intelaq)
KONZ — Sq. conza m-Għ m-Lh qanoz (stad, firex ix-xbiek)
KOPPLA — T. cupola m-L cupa (cupula) M. Għ qobbat
KOSKSU — Sq. cuscusu Sp. alcuzcuz m-Għ kuskus
KOS — T. cosi m-L. eccu-sic) m-Lh kaxos (ra jekk kienux tassew/veru)
KRINJOLA — T. corniola Sq. criniola m-L cornelius ċekkieni ta' cornu (qarn) M. Għ qarn Lh. qeren
KURUNETTA — T. cornetta m-corno m-L cornus m-Għ qarn Lh. qeren
KUTNINA — T. cotonina m. cotone m-Għ quoton
LABARDA — T. labarda, alabarda m. Ger. helmbarte/helmparte (mannara) Larouse u Stappers igħidu m-Għ al-harbat (bajjunetta) m. Harb **(gwerra)**
LAKUMJA — Sq. liccumia m-Tork/Għ — Tork luqum/loqum m-Għ rahatul holqumi (mistrieħ tal-gerżuma)
LAMBIK/LAMPIK — Sq. lambiccu m-Għ al-anbiq
LAMPUKA — T. lampuga m Lh hapok (biż-żjieda ta' M)
LARINĠ —Sq. naranja (pron. naranha) T. arancio m-Għ narang. Pers. larang/narag
LEXXUNA — Sq. asciuna m.T ascia (n.m.m.) Lh lexon (lsien - msejħa hekk mill-għamla ta' lsien????)
LIBBIENA — Sq. libbiana — rih sħun mill-Libja) m. Libja
LILA — T. lilla Fr. lilac Sp. lilac m-Għ lilag, lilak. Pers. lilaq Tork lilaq
LINFA — Sq. ninfa m-T. m-Lat m-Gr nymphe—alla falz mara li tgħix fil-baħar, għoljiet eċċ) m-Lh lanfda m.lan (idda) ???
LUKANDA — T. locanda m-L localis/locus. m. Għ/Pers Kan (lukanda) el-kanu
LUMI — Sq. lumia m-Għ laimun, lamun Pers. limu. T. limone m-Persjan
LUMINATA — Sq. luminata m-Lumi m-Pers. limu

MADAFFA — Sq. mataffa m-Għ Madaqqat (Met)
MAĠI — T. magi m-L magus m-Gr magos m-Pers. q. magus
MAGAZZIN — T. magazzino Sq. magasinu m-Għ mahzan, Makhzan
MANNA — T u Gr. manna m-Lh man hu - x'inhu dan? Għ mann Pers. manna (x'uħud jaħsbu li manna ġejja mill-Għ.)
MANTAR — T. q mantaro (tabarro) Sq. mantali/mantarru m-Għ mamtar (kapott, incirata)
MASTIKA — Sq.mastica.T. mestice m-Fr mesteque m. Gr mastiche m-Gh.
MARDEN — (m. radden, redden) Sq. mardanu m-Għ mirdan
MARĠ — Sq. margiu m-Għ marg
MASKRA — T. maschera m-L mascha — saħħara, wiċċ ta' saħħara. Fr. mestika Sir. mstka, mastaka
MASTIKA — T. mestica m-Fr mesteque m. Gr mastiche m-Għ mestika Sir. mstka, mastaka (siġra pistacia lentiscus.) Sq. mastica.
MAŻŻRA — Sq. mazzara T. mazzera — bniedem fi xkora magħluqa b'ġebla marbuta miegħu jew ma' riġlejh u idejh marbutin u b' ġebla oħra m'għonqu biex jitfgħuh il-baħar u jgħarrquh. mill-Għ mazzarat
MESSIJA — T. messia m-L. m. Gr messias m-Lh maxiah m. mexah (dilek) Sir. mesiha Għ. masiha (masha) m-LL
MINA — T. Sq. mina m-L minare (Diez). jew m-L miniara (Rossignol) oħrajn mill-Għ mina - port) ???
MINTNA — Sq. mintina m-Għ mintina
MISK — L.muscum m-Gr moschos m-Pers musk/misk/misk Għ. mesk mis-Sanskritt muska-(haswa)
MISSIER — (1) ? T. messere m-Fr. q. messire sidi (2) Għ. MISIR-il-qassis il-kbir tal-Kurdi (razza għarbija) m-Lh Moser minn masar (talla' rabba)
MONSUN — T. monsoni m-Għ mausim (staġjun, temp)
MOSKIJA/MOSKEA — T. moskea Fr. mosquee m-Għ masgid/mesgid m. sagad (qiem)
MQAR — T. magari Sq. mascari m-Gr macarios (hieni) MAKARI m-Lh jaqor (rari)
MRAMMA — Sq. murama, maramma, muramma m-L maremma (mogħxa mgħaddra ħdejn il-baħar, marsa) m. L. maritima m-Għ. maramma m ramma (sewwa ħajt)
MUMJA/MUMMJA — T. mummia m Għ/Pers. mumia minn mum-xama' għall-iballzmar
MUSULINA — T. mussolina Sq. musulina m. MOSUL (Mesopotamja.)
NAKRA — T. nacra, Sp. Port. nacar m-Għ. Pers. naqra, nakra

NANNA — T. nonna Sq. nanna m. Għ. pop. nannat (għal ma, nanna, mamma, l-mara ta' ziju min-naħa tal-missier, omm ukoll)
NAŻŻARENU — T. m-L Nazarenus m-Gr Nazarenos m-Lh NAZAR (minn Nazaret).
NĊIRA — T. cera lacca (cera-xama' m-L cera u lacca m-Pers Lak (żebgħa ħamra)
NIQA — Sq. naca m-Għ naqala (ċaqlaq bennen) Tork quna (sodda) (Met)
NITRU — T. nitro m-L nitrum m-Gr nitron m-Lh nether
NJAM — T. legname m. legno m-L lignum. Bil-Għ. nim, nam
OSANNA — T. osanna m-L m-Gr. m-Lh hoxi-eħlisna, salvana) u A'nna - issa) — (fittex salvana)
OSKUR/SKUR — T. oscuro m-L obscurus (ob-scurus) m- Sans. scu/sku (għatta)
PARKAN — T. baracane Sq barracan, barracani Fr. bouracan m-Għ barakan
PANTOFFLA — T. pantofola m-Fr. pantofle) sp. pantuflo m-Għ bantofli
PAPIRU — T. papiro m-L m-Gr papyros m-Għ. Masri
PAPOĊĊ — T. babuccia m Sp babuchas m-Għ papuġ m-Pers papuġ, babug
PAPPAĠALL — T. pappagallo m-Fr papegai m-Għ babagha, babagan. Għ Mas bagbagan
PIŻELLA — T. pisello Sq pisella m-L. pisum. Gr pizeli Għ Sir. bizilla Għ masri besella
QAFIS — T. cafisso Sq cafisu Sp cafiz m-Għ qafiż mill-Lh qab.
QAFTAN — T. q. cafetano. Fr caftan, cafetan. Sp u Port cafetan m-Għ khaftan, quftan, qaftan u m-Tork qaftan
QALA — T. cala Fr cale Sq. Port cala m-Għ qala, Aff. ta' fuq qala-(golf)
QALFAT — T. calafatare Sq. calafatari m-Għ gialfata, Għ pop. qalfata
QAMLA — Sq. camula m-Għ qamla
QAÑNEB — T. canapa m-L cannabis m-Għ qunnaba
QANNATA — Sq. cannata m T. canna m L canna m-Għ qenninat (flixkun)
QANNEBUS — Sq. cannabusa m-L cannabis m-Lh qanbus (T. canapuccia)
QANTAR — T. q. cantaro Sq. cantaru Sp quintal m-L cantharus m Gr kantharos m-Għ qantar, Tork qantar m-Kald. qintar
QANUN — T. canone m-Gr. kanon m-Għ qanun
QAQOĊĊA — T. carciofo Sp. alcarchofa m-Għ al-kharxuf. Sq cacocciu

m-Għ Lh. qamoxx, qumoxx (qaqoċċ tax-xewk)
QARRABA — T. caraffa. Sp u Port garrafa m-Għ qarraba, Pers karaba Kald. ruqaba (Met)
QASRIJA — Sq. casiria m-Għ Sir. qasria Lh. qaxur
QASSATA — Sq. cassata (ġelat ukoll) m-Għ qathat; pop. qaxtat
QASTAN — T. castagna m-Gr kastanon m-Għ kastana
QATRAN — T. catrame Fr. chitran Sp alquitran m-Għ qatiran Pers al-qatran
QMIS — T. q. camisa Sq. cammisa Sp camisa Fr chemise m-Għ qamis Pers Qamis
QOFFA — T. q. coffa — qfejfa għall-galletti, kelma tal-baħħara - Sp. al-cofa m-Għ quffa
QOTON — T. cotone m-Għ Sir. qutun Għ Mas. qutin
QUBBAJT — Sq. cubaitu m Għ qubbajt, qubbit, qubad m Masr q. qbit plural ta'aqbat li l-Kupti għamluha qubat
QUĊĊIJA — Sq. cuccia - soppa tas-smid mgħolli fil-ħalib biz-zokkor għal meta tagħlaq sena tarbija M. Għ. kexkia Lh qaxux/stħar-reġ, faqad
RADDIENA — Sq. riddena m-Għ raddana
RAKKMU — T. ricamo m-Għ raqama
RATAL — T. rotolo Sq . rotulu (m-T) m-Għ ratl. (RTAL Għ. artal)
RAXX — Sq. arrucciari m-Għ raxxa Lh rasses
REBEKK — (vjolin) T. ribeba, Fr rebec Sp. rabel Sq. ribbicchina m Għ RABAB (strument għamla ta' vjolin b'korda waħda)
RIŻMA — T. risma Sq. risima Sp. resma m-Għ riżma (sirjak)
ROSS — T. riso m-L m-Gr oryza Għ ruz m Pers q. ruzz
RUMANA — T. romano Sq rumanu Fr. q. romman Fr romaine m. Għ roman
RUXXMATA — Sq rasciamata m-T sciamare żegħed (għan-naħal) m.L examen. examigen m exigo — keċċa bagħat 'l barra m-Lh rex-imata (reġistru)
SABBARA — Sq. zabbara Sp. acibar m-Għ Mas. sabbara
SABORRA — T.q.savorra T. zavorra m-L saburra m sabulum (ramel) m-Lh zabur (borġ)
SAJTUN — Sq. saittuni (xewka bajda) m-Lh xait (xewka) u żjieda ta' UN
SANDLU — T. sandalo m-L sandalum m-Gr sandalon m-Għ sandal ak-tarx m. Sans "ċandana"
SAPUN — T. sapone m-L saponem m sapere (mir-riħa tfuħ) jew m-L sebum - xaħam tad-dam) Sq. sapuni. Għ u Pers sabun

SATIN — Sq. satinu m-L setinus (tal-ħarir) m L seta (ħarir; għall-bidu kienet tfisser lanzita) ? m-Lh sadin (flanella, satin)
SAWT — Sq suattu (met) m-Għ saut
SENSAL/SAMSAR — T. sensale m. Fr. censal m. Fr. q. censel m-L censualem (uffiċċjal taċ-ċnus) M. Għ semsar Lh sarser (ministru)
SERAĊIN — T. seracino m. Gr. sarakanos m-Għ xarkiin
SERAFIN — T. serafini Sp serafin m-L seraphim m-Gr serapheim m Lh. seraphim (anġli tan-nar)? m-Għ xaraf (għoli)
SERP — T. serpe Sq. serpi m L serpere (tkaxkar) m Gr herpein (tkaxkar) m Sans. sarpa (serp)
SERRIEQ — Sq. serricu m-Għ sarraq
SFINĠA — T. sfinge m Gr sphinx m sphingein (ħonoq) m. Għ isfunġ, sfanġ, isfanġ isfanġa (sifinġa - sponża) Kald. isfuġ (bla N) Aff ta' fuġ (Xfenġa) FENĠA
SIBT — (m sebgħa) T. sabato Sp sabado Sq sabbatu m-Għ sabt (al-sabt) m-Lh xabat
SIDRU — T. sdro m L. sicera m Gr sikera m-Lh xikar
SIENJA — Sq. senia m-Għ sania
SIMSMA — T. sesamo m Gr sesamon m-Għ simsima
SKARLAT — T. scarlatto Sq. scarlatu m Pers saqalat (drapp aħmar)
SKARTOĊĊ — T. cartuccio m carta m L charta Sq scartocciu, - Għ khartux
SKUFJA — T. scuffia, cuffia m L cofea. Sq. scufia m Għ kufiiat, kaffiiat, asqufiat. (Gr skoyfia)
SOFA/SUDA — T. sofa m-Għ suffah
SOKKRA — Sq succhiru m Għ Sir Lh sikra (feles)
SOMMA — T. somma m L summa (summus - l-ogħla) m. Pers xumar
SORRA (tonn) — T. sorra m L sura (polpa, żaqq tat-tonn) Sq. surra Sp sorra m-Għ sorra
SPINAĊI — T. spinacio, spinace m. Sp espinaca m Għ aspanac m Pers esfenag
SUFRA — T. sovero, sughero m-L suber m Għ Sq. suvraru, suvaru m. Għ XUBAR
SUMMAK — Sq summaccu m-Għ summaq
TABAL — Sq. tabbali/tabalu Sp atabal, timbal m-Għ Tabl
TAFTA jew TAFTAN — T. taffetta Sq taffitanu taffita' Fr taffetas m Pers taftah m taftan (baram)
TAĠEN — T. tegame m L tegere (għatta) m. Għ tagin m Kal. taġen
TAJN — Sq taiu Fr. q. tai m Għ tain m Per tin
TAKKWIN — T. taccuino m Għ taquim Lh thoken (somma, numru)

TAMBUR — T. tamburo Sq tamburu m Għ tambur, tabal m Pers tambur
TAMBAR/TANBAR — Sq. tamburari m Tambur
TAPTAP — Sq. taptapiari m Għ dabdaba (ħabbat iż-żarbun mal-art hu u miexi)
TARA — T. tara Sp tara m-Għ tarah/tarhah (Lat tara m-Għ)
TARIFFA — T. tariffa Sp. tarifa m-Għ tagħrifa, ta' rifa minn a' raf (għaraf)
TARCHIJA — Tal. q. tarchia m-Għ kelma tal-baħħara
TARTANA — T. tartana Sp tartana Fr tartane m-Għ taridah
TARTRU — T. tartaro m-L tartarum Sq tartaru m-Għ Pers durd (ħmieġ) (pop Turt wara saret turtur)
TARZNA — T. q. terzana Sq. tarsana, tirzana m-Għ dar es-sin'a (dar /ħanut tas-sengħa) (T. arsenale Fr. arsenal. Port arcenal Sp arsenal — m Għ
TAZZA — T. tazza (kikkra kbira. Sp. taza m-Għ tasa (kikkra, buqar ċkejken, tazza) Pers, tassa
TEBUT — Sq. tabutu, tabbutu Sp. ataud m-Għ tabut (twiebet-Għ tauabat)
TENTUXA — minn Tentex T.q. tanticcia, tanticchia m.T. tanto) Għ tantuxa Sir. danduxa (Għ tanataxa (Sir) danadaxa
TIGAN — Sq. tiganu m-Lh agan (T.tegame m-L tegere (għatta) m-Lh Ara TAĠEN
TIGRA — T. tigre m-L tigris m-Gr tigris m Pers tigri (vleġġa, aktarx semmewha hekk minħabba l-ħeffa tagħha)
TJARA — T. tiara m-Pers tiara — turbant kbir li kienu jilbsu s-slaten Persjani fl-imgħoddi
TOMNA — (kejl) — Sq tumminu m-Għ thumna h timnah
TOPAZJU — T. topazio m-L topatius m-Gr topazion mis-Sans topas **m Tap (idda)**
TOPPU — Sq. tuppu m. Tork tupe'. Fr toupet Cek ta' toup (Fr. q) (troffa xagħar)
TREWWU — Sq treu Għ tirifulun Lh tur (iġġerra)
TRIETAQ — Sq. tritacchia m-Għ tartaqa (tertaq)
**TUDUN — Sq. turuni, tuduni m-Għ** turani (tajra tal-iġbla)
TULIPAN — T. tulipano m-Tork tulbend, dulbend (turbant — mix-xebħ tiegħu Pers. dulband. Ara Turbant
TURBANT — Sq. turbanti m-Tal turbante m. Pers dulband (dul-madwar, band - faxxa) Sp. turbante m Pers.
VALIĠĠA — T. valigia (bagoll) m-L vidulitia (vidulus - borża) Diez. Oħrajn m-Għ waliha (Valiha) (xkora kbira) Pers. ualike

VASKA — T. vasca m-L vascus (battal, vojt) m-Għ saqa (seqa) Masqa (misqi) Met. V għal M
VERANDA — T. veranda Port. varanda m-Pers. varanda
VERMILJU — T. vermiglio m. L vermiculus Cek. ta' vermis m-Għ quermes (dudu ta' lewn aħmar sabiħ)
XALATA — Sq. scialata m Kal xalata m xelaħ (għadda ż-żmien fix-xejn, tgħażżen) xoloh (gawda, ta' gost/pjaċir, ferraħ)
XALL — T. scialle Sq sciallu Sp chal m-Għ, xal Pers xall Ku, Xamm
XAWWATA — T. schiacciata Għ xauuata (mxawta)
XIROPP — T. sciroppo Gr syrop m-Għ xurb
XITAN — T. satana m-Għ xajtan, xitan m-Lh satan (għadu)
XLOKK — Sq. scialuccu, Sp. xaloque, jalouqe, xeloque, (Catalan) xaloch T. scirocco (Valenzja) jaloch, Fr. chelouq m-Għ xuruq (tlugħ ix-xemx)
XMARA — Sq. ciumara m T. fiume (F taljana -C fl-isqalli) m-L Flumen. Roudanovsky igħid li xmara' ġejja mis-Sem (Għ) ximar minn xamara (xammar) billi r-ragħajja għarab eċċ fil-ġiri tagħhom f'xi barr kbir (deżert) meta kien ikollhim jaqsmu xmajjar, u widien eċċ kien ikollhom ixammru (jtellgħu) ħwejjġhom 'l fuq u hekk tnisslet il-kelma "xmara" (min Xammar)
ZEKKA — T. zecca m- Għ sekka, sikka (konn li jistampa flus tal-metalll) Hindus. sikka.
ZOKK — Sq. zuccu m-Għ saq. Lh sek
ZOKKOR — T. zucchero, Sq. zuccuru, Sp azucar Fr sucre m-Għ. sakkar, sokkar Pers. xakar Sans. sarkar (zokkor)
ZAGARELLA — T. zaccherella, Sq zagarella m-T u zagaredda Ċekkieni ta' zacchera m G.q zahar (qatra) (Zacchera tfisser tajn li jeħel mad-dbielet, qliezet eċċ). Aleppo igħid m-Għ sarida (strixxa tal-ġild
ZAGHFRAN — T. zafferano. Sp azafran m Għ za' fran
ŻAMBUR — Sq zammu (lattante — għax meta jitħallat mal-ilma jieħu l-lewn tal-ħalib) m-Għ zambur (żunżan bagħli)
ŻAVORRA — bħal sabarra
ŻBARRA — T. sbarra m-T barra m-L barra m-Għ barra
ŻBIB — Sq. zebbibbu Sp acebibe m-Għ sibib, zabib
ŻEJTNI — (minn żejt) Sq zaituni (għamla ta' żebbuġ) Sp aceituni m-Għ zaituni
ŻERNAQ — Sq zurnicari (kħal) m-Għ zarraqa (għamel iżraq) Sir. zarnaq (żerżaq)
ŻERU — T. zero m T.q. sefiro m Għ sifr Lh zer (kuruna għamla ta'0)

Ara ċifra
ŻIBEL — T. romanjol zibala Għ zibl Kald. zebel Lh zebul
ŻIMARRA — T. zimarra m-Sp zamarra (ġiċld ta' tieni - muntun) m-Għ sammur ġild ta' annimal m-Fen. zamar - għażel, fired
ŻINŻEL — Sq. zinzulu T. zenzero ,zizzifo m-Gr zizyphon, zingiberis (ġinġer) m.Għ ganzebil Malti u sqalli għas-siġra
ŻIR — Sq. ziru, nziru m-Għ zir Lh sir
ŻRINĠ — Sq. larinci m.Għ Berb garan (met) u Z.Lh xorez, xriz u N (ħanex)
ŻMERALD — T. smeraldo m-L m-Gr smaragdos Sans asma (ġebla, ħaġra) marzakata (żmerald) Għ. zamurad, żumurrad

# REĊENSJONIJIET

**"Kittieba Ta' Żmienna"** Minn Oliver Friggieri

"Il-kritiku", kiteb Graham Hough fil-ktieb "The Dream and the Task" "għandu d-dmir li jagħżlilna l-aħjar xogħlijiet tal-letteratura; hu jrid ukoll iħaddem is-sensibilità iżjed raffinata tiegħu biex jagħtina ġudizzju u apprezzament xieraq." Dan hu li Oliver Friggieri ried jagħmel fil-ktieb tiegħu li għadu kemm ħareġ **"KITTIEBA TA' ŻMIENNA"** (Lux Press) fejn wieħed jiltaqa' ma' studji kritiċi fuq tlieta mill-aħjar drammaturgi Ebejer, Aquilina u Diacono — żewġ poeti romantiċi — Vassallo u Briffa — u studju dwar il-poeti ġodda li dehru mill-1964 'l hawn. Dun Karm ma jidhirx iżda Oliver Friggieri qed jaħdem fuq l-Istorja tal-Letteratura Maltija (kif igħid fid-daħla) u wieħed jibqa' żgur li hu jikteb taqsima sħiħa fuqu.

Il-ktieb ħareġ fl-aqwa żmien għaliex hawn ħtieġa kbira għalih fostna. L-istudent kellu joqgħod biss fuq reċensjonijiet u fuq il-ktieb ta' Aquilina "Studji Kritiċi Letterarji" biex jistudja l-letteratura Maltija. Imħabba li m'hawnx tradizzjoni ta' kitba kritika f'Malta, Oliver Friggieri għamel xogħol kbir u għad jitqies bħala wieħed mill-pijunieri f'dan il-kamp. Fil-fatt naħseb li rnexxielu joħloq lingwaġġ għall-kritika. Eżempju wieħed f'paġna 156 dwar Karmenu Vassallo: "Il-qarrej jintebaħ bit-telfa tas-saħħa wara l-istqarrija sħuna, il-passività wara l-attività, il-kontemplazzjoni għajjiena wara l-azzjoni mimlija enerġija". Friġġieri fittex is-setgħat moħbija tal-lingwa Maltija u rnexxielu tassew.

M'hemmx dubju li dan il-kritiku studja u qara ħafna. Sikwit fil-ktieb hu juri li fehem sewwa wħud mill-aqwa idejiet filosofiċi li ħakmu l-kontinent u mill-movimenti letterarji ewlenin li ħallew marka f'dawn l-

aħħar ħamsin sena.

Oliver Friggieri ma jaħlix spazju biex jagħti tagħrif bijografiku jew kwotazzjonijiet twal bla ħtieġa. It-tagħrif bijografiku jidher meta hu importanti waqt li l-kwotazzjonijiet huma magħżula biex jirrappreżentaw.

L-analiżi hija l-għodda ewlenija tal-kritiku u Friggieri juri l-intelliġenza tiegħu meta jiġi biex jaqsam poeżija jew dramm. Hu jibda taqsima billi jagħti ideja ġenerali dwar ix-xogħlijiet u l-persunalità artistika ta' kull awtur. Din hija biċċa xogħol iebsa mħabba li l-kummenti jridu jintrabtu ma' iżjed minn xogħol wieħed. Jiena żgur li wħud mill-frażijiet li uża Friggieri għad jintużaw bħala ismijiet għal mistoqsijiet u diskussjonijiet fl-eżamijiet għoljin. Ngħidu aħna, Friggieri jiddefinixxi x-xogħol ta' Ebejer bħala "t-tijatru tal-kuntrasti" u dwar K. Vassallo jikteb: "F'Vassallo hemm tensjoni bejn is-sentiment u r-raġuni."

Kull taqsima hija studju brillanti għalih waħdu. L-awtur jiżviliuppa l-argumenti tiegħu bil-mod iżda b'mod konċiż. Fl-istudju dwar Ebejer hu jibda billi jsemmi żewġ prinċipji ewlenin, u mbagħad jibqa' sejjer biex ifisser kollox. Kull dramm hu studjat għalih waħdu, iżda hawn ukoll Friggieri jisħaq fuq preċiżjoni akbar, milli jagħmel studju ta' kull att tad-dramm. U dan huwa xogħol ta' għajnuna mill-akbar għall-istudjuż u għall-istudent.

Uħud mill-analiżi tal-poeżija ma jintesewx malajr. Wieħed jiftakar tajjeb ħafna l-mod kif hu jgħarbel il-poeżija "Il-Kotra u Jien" ta' Briffa. Min jaqra siltiet bħal dawn iħossu mbuttat li jerġa' jaqra l-poeżija mill-ġdid u jħares lejhom iżjed mill-qrib u fil-fond.

Friggieri għandu ħila wkoll igħaqqad poeżija jew dramm ma' xogħlijiet oħra ta' l-istess awtur. U hekk ma jagħtiniex stampi iżolati ta' xogħlijiet partikulari ta' kittieb. L-istadji varji ta' l-iżvilupp ta' kittieb jidhru bħala partijiet ta' xi ħaġa waħda.

Xi drabi l-poeta lanqas ma jibża' jikkritika kif jemmen li għandu jagħmel, u dan iżid ikabbar is-siwi oġġettiv ta' dan il-volum.

Friggieri daħħal ukoll taqsima fuq il-poeti moderni. Id-diffikultà hija li dawn il-kitbiet dehru malajr wisq. Niftakar li fid-dissertazzjoni tiegħi għall-B.A. jien ktibt: Il-gradi ta' valur aktarx li jinbnew skond ix-xogħlijiet tal-ġenerazzjoni ta' qabel. Friggieri nnifsu jammetti li m'hix ħaġa ħafifa li wieħed jagħti apprezzament tal-poeżija li xxandret ftit żmien ilu (p. 169). Għalhekk hu jipprova jsib soluzzjoni għall-kwistjoni billi jikteb studji qosra dwar għadd ta' poeti. Jien ma naqbilx ma' kull ħaġa li jgħid dwar dawn il-poeti, iżda hi ideja tajba li l-awtur daħħal ukoll din it-taqsima. Il-ġenerazzjoni l-ġdida tat sehem tajjeb li!

Malta bħal issa.

Naħseb li kien ikun aħjar kieku l-paġna tal-Werrej tqiegħdet fil-bidu. Hemm ukoll xi ftit żbalji ta' l-istampa li setgħu tħallew barra. Id-disinn tal-qoxra jagħmel unur lil Mario Azzopardi, li llum tana għadd ta' disinji sbieħ fil-kotba. L-element Malti, li Friggieri jemmen fih b'ruħu u b'ġismu, jinħass sewwa fid-disinn.

Oliver Friggieri, li jiddedika l-ktieb **"LIL KULL MIN JEMMEN F'RIVOLUZZJONI KULTURALI BIEX MALTA SSIR MALTIJA"** kiteb u qal kemm-il darba li l-letteratura Maltija għandha tingħata l-post li jixirqilha. Dan il-volum tiegħu stess iwettaq tajjeb ħafna dan kollu bi studji kritiċi ta' livell għoli.

**"ROSAR BRIFFA — POEŻIJI"**, III Ediz., Veritas Pres 1971, pp 133.

Illum li qegħdin jiġu sperimentati forom ġodda ta' poeżija, u bil-mewġa qawwija li hawn ta' poeżija moderna fl-istil, fir-ritmu u fil-medda tal-ħsieb, meta l-"poeti" qegħdin jinbtu saħansitra fuq l-iebes taż-żonqor, li toħroġ ktieb ta' poeżija tradizzjonali huwa sogru kbir. Madankollu, mingħajr ma nidħol fil-merti jew fin-nuqqasijiet tal-poeżija moderna, il-fatt waħdu li l-poeżiji ta' Briffa reġgħu dehru din is-sena fit-tielet edizzjoni tagħhom, kemm għal dan il-poeta kbir kemm għall-poeżija tradizzjonali diġà jfisser ħafna. Is-sabiħ jibqa' dejjem sabiħ, u għax Briffa huwa l-poeta tas-sabiħ per eccellenza, u għax il-bniedem irid jew ma jridx sakemm jixjieħ u jmut dejjem jibqa' jiġri wara s-sbuħija, dan il-ktieb se jkollu laqgħa oħra kbira bħat-tnejn l-oħra ta' qablu.

Fil-poeżiji ta' din il-ġabra għandna ħjiel **awtobijografiku** bħal fi "Lil F.S. Caruana", "Lil Ommi (Omm int le taf)", u "Lil Ommi". **Id-diżilluzjoni** narawha fil-poeżiji kollha mill-bidu sa dawk miktubin fl-1952 meta warrabha kważi għal kollox, u narawha speċjalment fil-poeżija "Deżolazzjoni". Għal Briffa, **ir-realta' tal-ħajja kienet** bħal fanal li mexxieh fid-dlam tal-ħajja mwiegħra, kif jixhdu l-poeżiji "Il-Bluha taż-Żgħorija", "Tfajla toħlomx", "Għajjiena le xebgħana" u oħrajn. Bħall-kotra tal-poeti Maltin, Briffa kien ukoll patrijott kbir li ħabb u għażż dak kollu li hu Malti. Għaldaqstant ma nonqsux li nsibu wkoll il-**patrijottiżmu** fil-versi tiegħu, speċjalment fil-poeżija tassew ispirata "Jum ir-Rebħ". Fl-aħħarnett Briffa kien ukoll reliġjuż, u għalkemm mhumiex ħafna l-poeżiji reliġjużi tiegħu, u bihom mhux se jħabbatha ma' dawk ta' Dun Karm, Cuschieri u oħrajn, madanakollu fil-poeżiji tiegħu għandna xhieda ta' reliġjożità mibnija fuq il-konvinzjoni tat-Twemmin u mhux imherrija u mbewqa, bħal fi "Wieħed Biss", "L-Għanja ta' l-Imnikket" u "L-Għid tal-maħfra".

Fdan il-ktieb għandna l-istess poeżiji taż-żewġ edizzjonijiet l-oħra, jiġifieri dawk miktubin bejn l-1925 u l-1960, **"uħud fi żmien ta' dwejjaq kbar, u oħrajn f'ta' ferħ"** (Lill-Qarrejja). Forsi hawn min igħid li f'medda ta' 35 sena

huma ftit, iżda huma biżżejjed biex fi Briffa naraw kif dejjem rajna ispirazzjoni delikata, sinċerità ta' ħsieb, u mużikalità li thennik. Fuq kollox hija l-lirika li sserrep minn vers għal ieħor, minn poeżija għal oħra, u Briffa bħala poeta liriku joqgħod f'nicca għalih fil-maqdes tal-poeżija maltija.

L-aħħar poeżija f'dan il-ktieb hija dik bid-data ta' l-14 ta' Lulju 1960, u kif inhu xieraq hija ddedikata lil Patri Val. V. Barbara O.P. li tant kien stinka biex l-ewwel edizzjoni setgħet tara d-dawl tax-xemx. Iżda jiena stennejt b'ħerqa kbira li s-Sra. Louisette, il-maħbuba armla tal-poeta, jekk mhux fittieni, għallinqas f'din l-edizzjoni kienet se tagħmel xi żjidiet oħrajn. Is-Sra. Briffa għad għandha bosta bċejjeċ ta' karti u notamenti ta' żewġha li fihom għadd ġmielu ta' poeżiji oħrajn. Jista' jkun li ħalliethom barra apposta għax dehrilha li ma kinux mirqumin biżejjed. Iżda b'daqshekk ma jidhirlix li kienet għal kollox iġġustifikata, għax billi Briffa kien kitibhom fi żmien meta kien jaf li l-marda li kellu kienet waslet biex tiftaħlu beraħ il-bibien ta' l-eternità, kienu poeżiji li juru qalb muġugħa u għajjiena, versi kif ħarġu mitluqa u merħija mill-pinna għal fuq il-karta. Fosthom insemmi "Wara l-Mewt", "Din id-Dinja", "Vjolin Marid", u l-aħħar waħda li kiteb fuq borża tal-karti "Il-Ballatella tal-Fontana" (i-xi-62). Barra minn hekk, il-poeżija "Ix-Xita Nieżla," (11-ii-57) kellha tidħol ma' l-oħrajn fl-ewwel edizzjoni, iżda Briffa nnifsu kien stqarr li kien insieħa. Frattant ħarġu żewġ edizzjonijiet oħra, u reġgħet tħalliet barra ma nafx għaliex.

Il-ktieb għandu qoxra attraenti b'disinn ħelu u modern minn Mario Azzopardi, u stampat b'tipi ċari u sbieħ fil-Veritas Press Ħaż-Żabbar. Nuqqas ċkejken li nara huwa fil-legatura tal-ktieb li ma tippermettilux jibqa' miftuħ waħdu fuq il-mejda bla ma żżomm sew taħt il-qigħan ta' idejk iż-żewġ paġni, inkella jingħalaq waħdu.

P.O.P.

"**Madwar Il-Milied**" ta' Pawlu Cachia — Vexillina Printing Press, Rabat. 1970. Paġ. 32.

Dan hu t-tieni ktieb tal-Milied li ħareġ is-Sur Pawl Cachia, żagħżugħ mimli ħrara u ħeġġa għall-kitba bil-Malti. F'dan il-ktieb jinħassu dik il-hena u dak issliem li wieħed iġarrab fi żmien il-Milied, żmien ta' mħabba u ta' ġibda ta' wieħed lejn l-ieħor.

Il-ktieb hu mżewwaq bi proża, u poeżija kollha mill-pinna tal-awtur u kollha minsuġin dwar is-sentimenti ta' ħniena u mogħdrija u tjieba li jitnisslu mill-ġrajja tat-Twelid tal-Iben t'Alla, ġrajja li kif kiteb l-awtur fid-daħla tal-ktieb, "għandha messaġġ li twassal il-ferħ li ġab miegħu Ġesù."

Il-ktieb jiftaħ b'novella tal-Milied, fejn il-qarrej jagħraf li l-ġabra fid-dar u l-imħabba huma għeżież aktar mill-aqwa rigali. Naqraw ukoll dwar l-awtur Ingliż Charles Dickens li hu meqjus bħala l-kittieb li l-aktar xerred il-ġibda lejn il-Milied fost il-poplu Ingliż. Barra dan, il-ktieb fih ukoll poeżiji dwar drawwiet ħelwin l-aktar tat-tfal tagħna, fil-jiem tal-Milied, u fl-aħħar insibu

ħafna tagħrif siewi dwar il-Milied u ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu miegħu.

Il-ktieb jinqara bil-gost u bil-ħeffa, u jiswa biex il-qarrej fil-għaxija ta' lejlet il-Milied, qabel ma jsir il-ħin għall-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl, igħaddi siegħa qari tajjeb u interessanti. Kif għamilt jien!

**G.**

**"Mis-Siġra Ta' Ħajti"** ta' A. Cremona Malta University Press — 1970.
Paġ VII, 127

Din hi ġabra ta' poeżiji li kiteb Ninu Cremona matul il-milja ta' ħajja twila mgħoddija f'ħidma ta' studju, kitba, għaqal u dmirijiet.

Din il-ġabra tinfirex f'medda twila ta' snin, mill-1912 sal-1968, imma l-awtur qassamha f'żewġ sensiliet ta' poeżiji li semmiehom "Weraq tar-Rebbiegħa" u "Weraq tal-Ħarifa", dan biex juri l-aċċent li jinħass fil-qari taż-żewġ taqsimiet.

Fl-ewwel taqsima nsibu brillanti, ferħ, tqanqil ta' qalb u xenqiet ir-ruħ, kollha mħawrin b'sentimenti ħarkiena bħal dawn il-versi li ġejjin:

"Stennejtek darba meta kulħadd rieqed
kien ġewwa darek: xita nieżla qlieli.
Bil-moħbi dħalt, Oh kemm hi ħarxa triqet
l-Imħabba li trid tgħin fil-waħx ta' ljieli". (paġ. 24)

Is-sejħa taż-żgħożija hi mfissra tajjeb ukoll f'dawn il-versi:-

Inqabbel kont u nixħet għal xortihom
fil-għoli l-vrejjes tiegħi f'waqt ewlieni (paġ. 42)

Fit-tieni taqsima nintebħu bix-xejra tal-ħsieb li tnissel f'moħħ il-poeta wara li qaleb il-ħamsin. Difatti l-ewwel poeżija f'din it-taqsima hi dwar **"Ix-Xwejjaħ Tar-Raħal"** li jġib quddiem għajnejh it-titjir ta' żgħużitu u jagħmel kontrast mal-qagħda ta' xjuħitu:

"Issa qiegħed hemm u sieket għal għarrieda
Fl-għabex taħt siġra minn kull werqa mnażżgħa".

Imbagħad fil-poeżija l-oħra **"Ħolma"**, il-poeta jagħmel riflessjoni dwar l-imgħoddi tiegħu nnifsu u jikteb:

"Noħlom: quddiem għajnejja
Nara tbajjad iż-żah'r
Tas-siġra tiegħu;
U nistħajjilha għaddejja
Minn fuqi l-istaġun
Taż-żmien li tar....."

Il-poeta għadda ħajja mxiegħla u mqanqla; hu ġarrab bosta ġrajjiet li ħallew it-tifkiriet tagħhom f'moħħu. Insemmu biss iż-żewġ Gwerer Kbar li ġraw fi żmienu u li ħallew l-effett tagħhom fuq il-fantasija tiegħu tant hu hekk li

hu kiteb fost l-oħrajn, il-poeżija "**Ta' L-Imwiet**" li tfakkar il-għaks ta' l-Ewwel Gwerra Kbira u "**Għassa Tal-Għadu**" li hi Patetika tal-ħerba u l-qirda tat-Tieni Gwerra Kbira.

Imma matul il-ġabra kollha tinħass ħarira ta' tjieba nisranija u tama fil-ħniena t'Alla bħal fil-poeżiji "**Lil Ġesù**" u "**Lil Ommna Marija Mħabbra Omm Alla**".

Fid-daħla tal-ktieb, l-awtur ifisser il-ħsieb tiegħu li jagħti "lill-poeżija Maltija ta' libsa ġdida"; dan il-ħsieb seħħlu għax f'bosta mill-poeżijiet tiegħu hu ħareġ mir-radda tradizzjonali tal-lirika Maltija u bl-idejiet tal-fantasija tiegħu mhux biss ġieb taqliba fir-ritmu, iżda wkoll fix-xejra u fis-sura tal-poeżija tagħna u fuq kollox hu għamel hekk bla ma stagħdar f'dawk il-ħafna materjaliżmi, sofiżmi u taħbil-il-moħħ li naqraw f'xi poeżiji, hekk imsejħa moderni

**G.**

"**WERAQ U WARD**" Minn Patri Mattew Sultana. Veritas Press — 1970. Paġ 144

Din hi ġabra ta' poeżiji miktubin bi stil u b'ispirazzjoni tradizzjonali. Il-poeta jidher li fassal l-poeżiji tiegħu fuq ix-xejra tal-poeti klassiċi Maltin. Difatti ħafna mill-poeżiji f'din il-ġabra jfakkru lill-qarrej f'xogħlijiet ta' Dun Karm, Patri Cuschieri, G.A. Vassallo u Ġuże Muscat Azzopardi, e.g. "Lir-Rebbiegħa", "Reġa' Mejju" jagħtu lemħa lill-poeżija "Il-Għanja ta' Mejju" ta Dun Karm. "Lill-Farfett" tfakkar lill-poeżija "Il-Farfett' ta Ġuże Muscat Azzopardi; 'Lil Malta" u "La Valette" jixbhu lill-poeżiji ta' l-istess isem miktubin minn G.A. Vassallo. Il-poeżija "Lill-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema" ġġibilna quddiem għajnejna l-versi ta' Patri Cuschieri fuq il-Madonna.

Imma barra x-xebh ma' poeżiji ta' poeti oħra, il-versi ta' Patri Sultana fihom dik ix-xi ħaġa li hi ħolqien tal-fantasija tiegħu, u hemm dik il-leħma li tagħżlu għalih u ttih sura li hi tiegħu nnifsu.

Il-poeżiji f'dan il-ktieb fihom armonija u ma humiex neqsin mill-profondità tal-ħsieb, u kollha flimkien huma midmumin b'ħarira ta' intelletwaliżmu li jixhed għerf tal-moħħ u tagħrif tal-ħajja. Dawn il-poeżiji jidhru li huma maħsubin biex ipaxxu l-moħħ u fl-istess ħin iħennu l-qalb. Din hi wkoll il-fehma tal-awtur kif fissirha fil-bidu tal-ktieb fejn kiteb li l-poeta "jikteb biex ipaxxi 'l kulħadd lil dawk li jifhmu u lil dawk li ma jifhmux fil-poeżiji, u għalhekk jekk kemm-il darba nitbiegħdu żżejjed mill-eżistenzjalità poetika tradizzjonali bosta mill-qarejja ma jkunux jistgħu jagħżlu sewwa bejn proża u poeżija."

Naħsbu li hawn ħafna li jaqblu ma' din il-fehma li l-awtur mhux biss fissirha tajjeb; iżda wettaqha bid-dieher.

Il-ktieb hu stampat tajjeb u fih għamla sabiħa; jinqara bla taħbit u jistħoqqlu jidħol fil-librerija ta' kull min iħobb il-Malti.

G.

---

**"IS-SEBĦ" — poema ta' Ġorġ Mercieca (Empire Press, pp. 20 1971).**

Bil-bixra li hadet il-poeżija Maltija f'dawn l-aħħar għaxar snin (l-iżjed bil-ħjiel li ħadna mill-ġabra miżjuda tal-"Muża Maltija" ta' l-1964), l-istil neo-klassiku li kien il-bidu serju tal-versi Maltin beda jonqos ġmielu. Baqgħu jidhru poeti ta' l-imgħoddi li xandru poeżiji ġodda bl-istil li saru magħrufin għalih. Ngħidu aħna, mill-ġenerazzjoni ta' qabilna, Anton Buttigieg baqa' jipproduċi fuq il-lehma u t-teknika wiesgħa tiegħu, waqt li Karmenu Vassallo reġa' ta xhieda oħra tat-twemmin tiegħu fil-poeżiji milqugħa tat-tradizzjoni bi "Tnemnim" (1970). "Qasba mar-riħ" (1967) u "Fl-Arena" (1970) ta' Buttigieg inqdew b'forom qodma u magħrufa biex fissru ħsibijiet li huma marbutin mill-qrib mar-ruħ ta' llum.

Fost il-poeti żgħażagħ, anki fost l-iżjed magħrufa li qabżu t-tletin sena, ma għadhiex tinħass wisq l-influwenza tematika, stilistika u teknika tal-poeti ta' qabilna, l-iżjed ta' Cuschieri, Muscat Azzopardi, Dun Karm, Briffa u Vassallo. Iż-żgħażagħ intebħu malajr, f'temp ta' ftit snin, li l-poeżija tagħna kienet se tinqabad lura fil-mixja mgħaġġla tal-ħsieb modern. U l-versi li ħolqu, għalkemm għadhom għaddejjin mill-għarbiel tan-nar ta' bosta li forsi ftit jafu x'inhu l-aħjar li jsir biex il-Malti jikber, illum qegħdin jintlaqgħu tajjeb u qegħdin jitqiesu bħala punt ta' progress meħtieġ.

Ġorġ Mercieca, wieħed mill-poeti l-ġodda ta' Għawdex, huwa wieħed minn dawk li donnhom iridu jżommu l-bilanċ mal-bidliet li qegħdin iseħħu. M'hemm ebda ħjiel fil-poeżija tiegħu li għad igħaddi biex jilbes il-libsa tal-muża ta' llum, la fil-ħsieb u lanqas fil-forma barranija. Għadu jemmen fis-sintesi tal-materja u l-forma: għaqda waħda sostanzjali li timxi pass pass f'kull ċaqliqa. L-għajn klassika li xorob minnha żgur fl-edukazzjoni tiegħu bi l-għajn li qiegħda ġġieghlu jikteb il-versi klassiċi li reġa' ppreżenta fil-poema li għadu kemm xandar "Is-Sebħ".

Għadni kemm għażilt bejn ġdid u qadim fil-qasam poetiku. M'hix għażla ċara, bħal bejn l-abjad u l-iswed. It-tnejn huma biċċa waħda ta' xejra differenti. U għalhekk nemmen li llum il-poeta li jrid jibqa' jxandar is-sbuħija u l-

armonija ta' l-istat idejali jista' jibqa' jagħmel dan, imqar fil-kotba mħabbla tad-dinja ta' llum, bis-saħħa ta' kompromess li jbiddel biss il-materjal u jinqeda b'forom li kienu u jibqgħu sbieħ.

Naħseb li dan hu li għamlu uħud (forsi ftit) mill-poeti ewlenin tad-dinja ta' llum. Baqgħu jinqdew bil-libsa l-qadima biex fissru ruħ ġdida. Ġorġ Mercieca ma mexiex fit-triq tagħhom. Kemm il-libsa u kemm ir-ruħ tat-tiġrib poetiku tiegħu huma wlied it-tradizzjoni klassika b'influwenza li tinħass ġmielha tat-tradizzjoni neo-klassika Maltija.

L-ewwelnett, il-ħsieb ta' "Is-Sebħ", poema ta' xejra spiritwali, huwa pożittiv u xi drabi jfakkrek fid-didattiċiżmu tal-letteratura illuminista. It-twemmin qawwi tiegħu fl-ispirtu xi drabi jġiegħlu juri wisq il-fehmiet tiegħu u x-xewqa li jara dawn il-fehmiet imħaddma minn ħaddieħor. Poeta serju ma jistax jagħmel hekk, għaliex m'għandux il-jedd. U m'għandux il-jedd sewwa sew għaliex m'huwiex predikatur jew politiku li jrid ixerred duttrina.

It-tifsila tal-poema ta' Ġorġ Mercieca tfakkar fil-kunċett dantesk tal-ħasla spiritwali wara it-tiġrib. U forsi fl-egħluq tat-twemmin tiegħu jinsab ukoll in-nuqqas ewlieni tal-poeta li seta' kien usa' fi ħsiebu biex iħaddan ħsibijiet u ġrajjiet li huma eqreb għall-bniedem ta' llum. Huwa minnu li l-poeta l-ġdid għandu l-jedd li jnebbah lilu nnifsu mill-verità reliġjuża, iżda huwa minnu wkoll li l-ewwel dmir tiegħu hu li jkun persunali, għallinqas fil-mod kif iħares lejn xi ħaġa li tidher l-istess f'għajnejn bosta.

F'dik li hi teknika ta' kelma Maltija, idjoma, vokabularju, vers endekasillabu, Ġorġ Mercieca huwa tajjeb ħafna u mhix ħaġa ħafifa li ssiblu nuqqasijiet. Kull vers hu mirqum b'sengħa li tfakkrek sewwa li l-poeta trabba fl-iskola ta' Dun Karm. L-influwenza ta' Dun Karm (wieħed mill-persunaġġi li jidhru fil-poema) tinħass mhux biss fit-tema iżda wkoll fit-tħaddim għaqli ta' l-endekasillabu, vers li jibqa' sabiħ u ġdid f'idejn esperti.

Mill-bqija, il-poema fih l-għaqda li jeħtieġ u, minkejja l-limitazzjoni li jkollu jiżviluppa ruħu fiha minħabba l-ħsieb ewlieni, hu xogħol li, kieku nkiteb fi żmien Dun Karm u sħabu forsi hu magħruf u milqugħ iżjed. Minkejja li nkiteb illum, żmien il-poeżija ċerebrali u suġġestiva, "Is-sebħ" għandha s-siwi tagħha wkoll u Ġorġ Merċieca jista' jħares 'il quddiem biex, bl-istess għodda qadima li jħobb, joħloq xogħlijiet ġodda li jolqtu d-dinja ta' issa, il-mument maħrub tal-ħajja tal-poeta.

OLIVER FRIGGIERI.